# Il-Forċini tal-Istatwa ta' Santa Marija tal-Qrendi



Emanuel Muscat, *Segretarju*

Ir-rabta tar-raħal tal-Qrendi mal-belt ta' Bormla tmur lura sa mis-sena 1755 minn meta l-Kappillan Dun Antonio Mizzi, li kien minn Bormla, dam immexxi l-parroċċa tal-Qrendi għal kważi ħamsin sena, sal-1804. F'dak iż-żmien, fil-parroċċa ta' Bormla kienet saret statwa oħra tal-Kunċizzjoni. Dun Antonio Mizzi kien għamel talba lis-saċerdoti sħabu ta' Bormla biex l-istatwa tal-Kunċizzjoni l-antika li kienet saret madwar it-tieni nofs tas-seklu sbatax, tingħata lill-parroċċa tiegħu tal-Qrendi. Dan minħabba li sa dak iż-żmien dan ir-raħal kien għad m'għandux statwa tal-Madonna. Din it-talba kienet milqugħa u b'hekk din l-istatwa tal-Kunċizzjoni kienet l-ewwel waħda użata għall-purċissjoni fil-festa tal-Assunta, mhux biss fir-raħal tal-Qrendi, imma l-ewwel fost il-parroċċi ta' Santa Marija. Meta dak iż-żmien, il-Knisja tal-Qrendi kienet nieqsa minn armar u opri oħra ta' tiżjin, kull meta kienet toqrob il-festa ta' Santa Marija, kien jissellef xi ftit damask, gandlieri, u xi ftit ilbies u ħwejjeġ oħra ta' bżonn mill-Kolleġġjata ta' Bormla, biex bihom, mill-aħjar li jista', iżejjen il-Knisja tagħna għall-festa tal-Patruna Santa Marija.





Skont informazzjoni li ksibt mingħand persuna minn Bormla, il-forċini tal-Kunċizzjoni ta' Bormla, fil-passat, kienu jiġu mislufa lill-parroċċa tal-Qrendi għall-festa ta' Santa Marija. Dawn il-forċini kienu saru tal-fidda fuq disinn ta' Mastru Abram Gatt u jirrappreżentaw l-erba' Evanġelisti.

Fil-bidu tas-snin sebgħin tas-seklu l-ieħor, Ġanni Falzon, dak iż-żmien Rettur tal-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament tal-Qrendi u Dwardu Borg, President tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija tal-Qrendi, kienu ħeġġew lill-Kappillan Dun Karm Attard biex isir sett ta' forċini ġodda simili għal dawk li għandhom tal-Kolleġġjata ta' Bormla. Sadanittant, ir-Rettur Ġanni Falzon kien beda jħabrek kemm jiflaħ sabiex din il-ħolma ma ddumx ma titwettaq. Kien tkellem ma' kollega tiegħu fuq ix-xogħol li kien minn Bormla, u bejniethom bdew il-kuntatti dwar dan il-proġett m'uffiċjali tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata.

Fil-bidu ta' Mejju 1974, il-Kappillan Dun Karm Attard kien għamel talba permezz ta' ittra f'isem il-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament tal-Qrendi lill-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' Bormla, fejn saret talba biex jissellfu l-erba' forċini tal-istatwa tal-Kunċizzjoni, biex issir sett bħalhom għall-istatwa ta' Santa Marija. Fis-16 ta' Mejju 1974, il-Kapitlu ta' Bormla rrisponda permezz t'ittra fejn fiha ntqal li l-Kapitlu ma jsib l-ebda oġġezzjoni għal din it-talba.

Minnufih kienu saru l-arranġamenti u wara li dawn ġew mislufa, kienu ħaduhom għand persuna biex jieħu l-forma tagħhom u wara kienu reġgħu ngħataw lura lill-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' Bormla. Imma ġara, li wara nstab li dawn il-forom ma ġewx irfinuti biżżejjed, u ddeċidew li jdewbuhom u jsir il-proċess mill-ġdid. Però, biex isir dan, il-Kappillan f'isem il-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament, kellu jagħmel talba mill-ġdid lill-Kapitlu ta' Bormla permezz t'ittra datata 10 ta' Ġunju 1975, biex jerġgħu jisilfuhom għal ftit żmien ieħor il-forċini sabiex jaraw isibux lil xi ħaddieħor li jgib ix-xogħol iktar irfinut. Din id-darba, biex din it-talba tkun tista' tintlaqa', donnu

• *ikompli f'paġna 9*

• *ikompli minn paġna 8*

l-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament riedet toħloq xi forma ta' kompromess mal-Kapitlu. Fil-fatt, il-Kapitlu ddeċieda li jerġa' jislef dawn l-erba' forċini lill-Fratellanza tas-Sagrament bil-patt li jinħadem bankun għalihom biex fi żmien il-festa tal-Kunċizzjoni dawn l-erba' forċini jkunu esposti fuqu, ħdejn il-vara, u fl-istess ħin ikunu tifkira tal-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament tal-Qrendi.

Wara li dawn l-erba' forċini reġgħu ġew mislufa, din id-darba ħaduhom għand l-iskultur Anton Agius tar-Rabat Malta, biex jieħu l-forma tagħhom u wara li tlesta dan il-proċess u kienu ċerti li l-erba' forċini saru sew, kienu irritornati lura lill-Kapitlu tal-Kolleġġjata.

Sal-11 ta' Novembru 1976 kienu nstabu ħames benefatturi li kienu lesti jħallsu l-ispejjeż ta' dawn l-erba' forċini ġodda li jirrappreżentaw l-erba' Evanġelisti. Il-benefatturi kienu: Ġanni Falzon, li ħareġ il-flus għall-forċina tal-ajkla, Carmel Magro, li ħallas il-forċina tal-baqra, Saviour Falzon, li ħallas l-ispejjeż għall-forċina tal-anġlu, u Joseph Saliba u Carmelo Magro li bejniethom ħallsu l-forċina tal-iljun. Dawn il-forċini kienu żżanżnu bejn l-1977 u l-1978 u għaldaqstant ilhom jintużaw għal aktar minn 40 sena.

**Referenzi:**

Dun Mattew Magro, 'L-Ewwel Statwa ta' Santa Marija fil-Parroċċa tal-Qrendi.' Programm tal-festa, Santa Marija Qrendi, 1988.

Dun Karm Attard, 'Korrispondenza tal-Kappillan tal-Qrendi.'

Ġanni Falzon, 'Korrispondenza tar-Rettur tal-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament tal-Qrendi.